**Taħwid**

Min hu bużżieqa
U jaf jogħbod silenzjuż
U jidher virtuż

Anki hi daħlet
B'rasha, miskina tilfet
Sliem qalbha b'minkeb.

Għalfejn tirrabja
U tipproġetta ruħek
Fuq min ilumek?

Kliemek bla sabar
Imħawwad u imsakkar
F'ħabs il-kburija.

X'sensittività?
M'hijiex forsi krudeltà?
Għalik fedeltà?

Iw'ahsel wiccek
Bajda karti b'tant toqol
Tghid gheb il-qofol?

Taħwid kemm kbir
Sliem f'qalbek le m'għandekx
Ferħ ma baqagħlekx.

U tipprotesta
Imma ruhek imwegħra
Taf fejn int qegħda?

Għad jasal għalik
Il-waqt li jriegħed tad-dawl
Kellek tasal s'hawn?

Inżel nitolbok
Miż-żiemel għoli tiegħek
Tibqax titriegħed.

L-imrar qed jieklok
Il-korla fiss se tieħdok
Fl-art hekk waħxija.

Biss jasal iż-żmien
Fejn int għad bil-wisq tara
Il-ġid mill-ħsara.

Dakinnhar tifraħ
Qalbek ħerqana tistrieħ
Bl-inżul fit-tnebbieħ.

Imm'issa imxi
F'dil-ħajja għax tassew trid
Ħajtek fit-taħwid.

Patri Mario Attard OFM Cap
20 ta' Novembru 2023

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.